# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-15 TA' DIĊEMBRU, 2022**

**Rik. Ġur. nru. 502/16 RGM**

**Dr Josette Sultana nomine**

**Vs**

**MPM Capital Investments Limited**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment dwar talba għall-isfilz ta' affidavit, traskrizzjoni ta' xhieda u provi dokumentarji tal-attur illi miet fil-mori tal-kawża meta l-kontro eżami tiegħu ma kienx għadu ġie konkuż.

**Preliminari**.

1. Permezz ta' rikors tas-27 ta' Settembru 2022 is-soċjeta' konvenuta talbet lill-Qorti tqis inammissibbli x-xhieda ġuramentata tal-attur Mohammed Imad Raouf u kwalunkwe dokumentazzjoni preżentata minnu f'dawn il-proċeduri u tisfilza mill-atti proċesswali x-xhieda kollha tal-attur kif ukoll kwalsiasi referenza għaliha fl-atti proċesswali u dan wara li ppremettiet illi għal diversi raġunijiet mhux tort tagħha hija prekluża milli tikkonduċi l-kontro eżami tal-attur peress li fil-mori tal-kawża ġie nieqes.

2. Is-soċjeta' konvenuta timmotiva r-rikors tagħha billi tippremetti illi matul is-smiegħ tal-kawża ġie ppreżentat affidavit tal-attur Mohammed Imad Raouf immarkat bħala Dok JS 1 anness miegħu madwar 600 paġna ta' dokumenti, kif ukoll dikjarazzjoni bħala Dok JS 2; illi l-attur inoltre xhed darbtejn viva voce minn rajh fil-25 ta' Frar 2019 u fil-21 ta' Marzu 2019 fl-istadju tal-provi attriċi; illi l-attur għalaq il-provi tiegħu fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2019 meta l-kawża tħalliet għall-provi tas-soċjeta' konvenuta għall-21 ta' Ġunju 2019 b'dan li l-attur kellu jindika d-disponibilita' tiegħu li jkun Malta dakinhar tal-udjenza sabiex isirlu l-kontroeżami; illi l-attur la deher għas-seduta tal-21 ta' Ġunju 2019 u lanqas għat-tlett seduti sussegwenti peress li l-Qorti ġiet informata li kien marid serjament; illi l-Qorti għalhekk ordnat li l-kontro eżami jsirlu bil-mezz ta' *video conference*; illi fid-19 ta' Mejju 2021 beda jsir il-kontro eżami tal-attur bil-mezz ta' *video conference* liema kontro eżami waqaf ħesrem minħabba li nqatet it-trasmissjoni u ma setgħatx tiġi ripristinata; illi l-kawża tħalliet għad-19 ta' Ottubru 2021 għall-kontinwazzjoni tal-kontro eżami izda l-avukat tal-attur talbet differiment; illi meta ssejħet il-kawża fis-26 ta' Jananr 2022 il-Qorti ġiet informata li l-attur kien miet fil-mori tad-differiment.

3. Is-soċjeta' konvenuta tissottometti illi bin-nuqqas li tisa' tkompli l-kontro eżami tal-attur id-dritt tagħha għal smiegħ xieraq ser jiġi ppreġudikat serjament u tiċċita diversi sentenzi in sostenn tat-talba tagħha.

4. L-attriċi nomine ppreżentat risposta fl-20 ta' Ottubru 2022 li permezz għar-raġunijiet hemm mogħtija topponi għar-rikors imsemmi.

Ikkunsidrat;

**Fatti**.

5. Permezz tar-rikors tagħha s-soċjeta' konvenuta qed titlob l-isfilz tal-affidavit tal-attur, it-testimonjanza tiegħu viva voce quddiem il-qorti u l-provi dokumentarji kollha minnu ppreżentati peress li fil-mori tal-kawża miet l-attur u issa s-soċjeta' konvenuta ma tistax tkompli bil-kontro eżami li kienet bdiet tagħmillu u li skond il-konvenuta dan ma ġiex konkluż mhux tort tagħha.

6. Il-Qorti tosserva illi l-attur xhed l-ewwel darba f'dawn il-proċeduri permezz ta' affidavit ippreżentat lura fit-2 ta' Settembru 2016[1] li ġie notifikat lill-kontro parti fit-22 ta' Settembru 2016 flimkien mad-dokumenti kollha annessi miegħu.[2]

7. Illi fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2016 is-soċjeta konvenuta talbet li jiġu kjamati in kawża żewġ soċjetajiet esteri, liema talba ġiet milqugħa minn din il-Qorti diversament presjeduta u ħalliet il-kawża għan-notifika taż-żewġ kumpaniji esteri.

---

[1] Fol. 32
[2] Minn fol. 58 sa fol. 579

8. Illi fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2017 din il-Qorti diversament presjeduta ġiet informata illi s-soċjeta Ultra Solutions MG Limited, waħda mis-soċjetajiet esteri kjamati in kawża, ma setgħatx tiġi notifikata fl-esteru minħabba li kellha l-uffiċju reġistrat f'pajjiż li ma kienx membru tal-Konvenzjoni tal-Aia tal-1965.

9. Illi għalhekk fid-9 ta' Ġunju 2017 is-soċjeta' konvenuta ppreżentat rikors li permezz tiegħu talbet il-ħatra ta' kuraturi deputati għas-soċjeta' estera kjamata in kawża Ultar Solutions MG Limited; liema talba ġiet milqugħa u b'digriet tat-3 ta' Novembru 2017 ġew nominati bħala kuraturi deputati l-Avukat Dr Christopher Chircop u l-PL Jean Pierre Busuttil. Il-kuraturi deputati ppreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom fit-28 ta' Novembru 2017.

10. Illi fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2017 ma seta jsir xejn peress illi ma kenitx għadha saret in-notika fl-esteru lis-soċjeta' kjamata in kawża Primero Capital Solutions Limited.

11. Illi sussegwentement minn dokumenti ppreżentanti fl-atti mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali kien jidher li s-soċjeta' Primero Capital Solutions Limited ġiet notifikata fl-esteru fit-8 ta' Jannar 2018.

12. Illi fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2018 ma sar xejn peress li t-terminu għar-risposta ġuramentata kien għadu għaddej.

13. Illi fis-seduta tat-2 ta' Frar 2019 din il-Qorti diversament presjeduta iddifferiet il-kawża sabiex issir il-prova tan-notifika fl-esteru.

14. Illi fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2018 ma sar xejn peress li r-rappreżentant tal-Avukat Ġenerali li kellha tixhed dwar in-notifika fl-esteru talbet li tixhed f'data oħra peress li kienet ser tkun imsiefra fuq xogħol.

15. Illi fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2018 xhedet rappreżentanta mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali fejn spjegat illi minn korrispondenza li kellha mal-awtorita' ċentrali f'Anguilla, il-kumpanija estera Primero Capital Solutions Company Limited kienet ġiet *struck off* fl-10 ta' Novembru 2016. Indikat illi n-notifika li kienet saret f'idejn ħaddieħor probabilment ma kenitx valida.

16. Illi fis-seduta tat-23 ta' April 2018 din il-Qorti diversament presjeduta iddifferiet il-kawża sabiex terġa titla tixhed rappreżenant mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali dwar in-notifika fl-esteru.

17. Illi fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2018 din il-Qorti diversament presjeduta iddifferiet il-kawża peress li r-rappreżenanta tal-uffiċju tal-Avukat Ġenerali kienet indisposta.

18. Illi fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2018 reġgħat telgħat tixhed rappreżentanta mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali. Fl-istess seduta din il-Qorti diverament presjeduta tat digriet fejn iddikjarat illi s-soċjeta' estera kjamata in kawża Primero Capital Solutions Company Limited "ġiet debitament notifikata, ma prezentat l-ebda risposta mahlufa entro t-terminu moghti lilha bil-ligi u ghalhekk ghandha titqies li hija kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi." F'dik is-seduta s-soċjeta' konvenuta ma talbitix li tagħmel il-kontro eżami tal-attur dwar l-affidavit tiegħu ppreżentat fit-2 ta' Settembru 2016 u l-kawża tħalliet għall-provi tal-attur.

19. Illi fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2018 l-attur ressaq xhud u l-kawża tħalliet għall-provi tal-attur. F'dik is-seduta s-soċjeta' konvenuta reġgħat għal darba oħra ma talbitx li tagħmel il-kontro eżami tal-attur.

20. Illi fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2018 l-attur ressaq ix-xhieda u l-kawża ġiet differita għall-provi tal-attur mingħajr għal darba oġra ma s-soċjeta' konvenuta talbet li tagħmel il-kontro-eżami tal-attur.

21. Fis-seduta tal-25 ta' Frar 2019 deher l-attur u għalkemm kien ġia xhed bil-mezz ta' affidavit din id-darba xhed viva voce quddiem din il-Qorti diversament presjeduta. Ma saret l-ebda objezzjoni li l-attur jerġa jixhed għalkemm kien ġia xhed bil-mezz ta' affidavit. Id-deposizzjoni tiegħu ġiet sospiża minħabba li kien sar il-ħin u din il-Qorti diversament presjeduta ddifferit il-kawża sabiex ikompli jixhed l-attur.

22. Fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019 reġa kompla jixhed l-attur u ppreżenta numru ta' dokumenti. Id-deposizzjoni tiegħu ġiet sospiża u din il-Qorti diversament presjeduta ddifferit il-kawża għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-attur.

23. Fit-3 ta' Mejju 2019 l-avukat tal-attur ippreżentat numru ta' provi dokumentarji u ddikjarat illi salv provi ulterjuri dokumentarji, l-attur ma kellux aktar provi.

24. Il-kawża tħalliet għall-21 ta' Ġunju 2019 għall-kontro-eżami tal-attur pero' l-attur ma deherx għal dik is-seduta u l-avukat tiegħu talbet differiment li ma ġiex oppost. Għalhekk din il-Qorti diversament presjeduta iddifferiet il-kawża għall-14 ta' Ottubru 2019 għall-kontro eżami tal-attur.

25. Illi fis-16 ta' Settembru 2019 l-attur nomine Dr Sultana ippreżentat rikors li permezz tiegħu informat lill-Qorti diversament presjeduta illi f'dawk l-aħħar jiem l-attur kien għadu kemm ġie ddijanjostikat b'marda terminali fi stadju avvanzat "u l-kundizzjoni ta' saħħtu m'hix tajba u ma tipermettilux li jivjaġġa, u dan kif evidenti mir-

rapport mediku " li ġie anness u markat dok. A.[3] Għalhekk talbet li l-attur jixhed bil-mezz ta' 'conference call'.

26. Illi b'risposta tas-7 ta' Ottubru 2019 is-soċjeta' konvenuta opponiet li l-attur jixhed bil-mezz ta' *video call* peress li sostniet illi ser tkun svantaġġjata tenut kont li l-Qorti kienet semgħat ix-xhieda tal-attur viva voce bil-konsegwenza li "ser ikun hemm *disparity of arms* li jmur kontra l-ispirtu tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem."

27. Illi b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2019 din il-Qorti diversament presjeduta tat digriet kamerali li permezz tiegħu irriżervat li tipprovdi fi stadju ulterjuri wara li tisma' lill-avukati tal-partijiet.

28. Illi fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2019 "Fuq talba ghal differiment da parti tal-avukati difensuri tal-partijiet", din il-Qorti diversament presjeduta iddifferiet il-kawża "ghall-informazzjoni ulterjuri dwar jekk l-attur ikunx f'posizzjoni li jaghti d-deposizzjoni tieghu in kontro-ezami viva voce quddiem il-Qorti..."

29. Illi fis-seduta tad-9 ta' Diċembru dehru l-avukat tal-attur u l-avukat tas-soċjeta' konvenuta u din il-Qorti diversament presjeduta ħalliet il-kawża għall-20 ta' Jannar 2020 "ghall-informazzjoni ulterjuri" għal meta s-smiegħ ġie differit.

30. Illi fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2020 deheru quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta l-avukati tal-partijiet u l-kawża tħalliet għall-provi tas-soċjeta' konvenuta.

[3] Kopja taċ-ċertifikat mediku a fol. 813

31. Is-seduta tal-21 ta' Mejju 2020 ġiet differita minħabba l-miżuri relatati mal-pandemija.

32. Fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2020 il-Qorti ordnat li l-kontro eżami tal-attur isir permezz ta' *video conference*.

33. Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2020 il-Qorti semgħat lill-avukati tal-partijiet dwar iċ-ċertifikat mediku ppreżentat mill-attriċi nomine fit-12 ta' Ottubru 2020.

34. F'dik is-seduta, bl-iskop li l-attur jingħata żmien jirkupra mill-marda serja li ħakmitu, ġew iffissati żewġ seduti għall-14 ta' April 2021 u għad-19 ta' Mejju 2021 rispettivament sabiex isir il-kontro eżami tal-attur permezz ta' *video conference*. Eventwalment is-seduta tal-14 ta' April 2021 ġiet posposta mill-Qorti għall-5 ta' Mejju 2021.

35. Fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2021 il-kontro eżami tal-konvenut ma sarx iżda sar bil-mezz virtwali fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2021 meta ġie sospiż peress li kien sar il-ħin.

36. Il-kontro eżami kellu jitkompla fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2021 iżda mas sarx fuq talba ta' Dr Sultana li talbet differiment.

37. L-attur miet fl-10 ta' Jannar 2022.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

38. Minn dan ir-reżokont huwa evidenti illi l-fatt li s-soċjeta' konvenuta ma leħqitx ikkonkludiet il-kontro eżami tal-attur minħabba li ġie nieqes ma hux tort tal-istess attur.

39. Kif rajna, l-istess attur, wara li ppreżenta l-affidavit tiegħu lura fis-sena 2016, kellu s-smiegħ tal-kawża minnu istitwita prattikament sospiż għal circa sentejn mhux tort tiegħu iżda minħabba li fuq talba tas-soċjeta' konvenuta ġew imsejħa fil-kawża żewġ kumpaniji esteri li damu sabiex ġew notifikati.

40. Il-Qorti osservat illi wara li ġew notifikati is-soċjetajiet kjamati in kawża, s-soċjeta' konvenuta ma talbitx li tagħmel il-kontro eżami tal-attur iżda ħalliet li l-attur ikompli jressaq provi tiegħu.

41. Jidher mill-atti li l-istrateġija tas-soċjeta' konvenuta kienet li tagħmel il-kontro eżami tal-attur wara li jiddikjara li m'għandux aktar provi, dikjarazzjoni li saret quddiem din il-Qorti diversament presjeduta waqt l-udjenza tat-3 ta' Mejju 2019, circa tlett snin wara li l-attur ippreżenta l-affidavit tiegħu.

42. Huwa minnu illi wara l-affidavit tiegħu l-attur xhed darbtejn viva voce quddiem il-Qorti iżda huwa daqstant ieħor minnu illi sussegwentement l-attur ġie ċertifikat li qed ibati minn marda terminali.

43. Appena ġie ċertfikat li għandu marda terminali l-attur talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jiġi kontro eżaminat permezz ta' *video call* iżda s-soċjeta' konvenuta <u>opponiet</u> tant illi din il-Qorti diversament presjeduta ma ddekretatx ir-rikors u ħallietu sabiex tisma' lill-avukati tal-partijiet.

44. Dik l-opposizzjoni tas-soċjeta' konvenuta waslet li inħlew diversi seduti li fihom ma sar xejn peress li baqgħet topponi li tagħmel il-kontro eżami bil-mezz virtwali. Sitwazzjoni din li kompliet

tikkomplika ruħha bil-miżuri ta' l-għeluq tal-qrati minħabba l-pandemija Covid-19.

45. Fil-frattemp is-smiegħ tal-kawża għadda quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta filwaqt li s-soċjeta' konvenuta ma irtiratx l-opposizzjoni tagħha sabiex l-attur jixhed in kontro eżami permezz ta' *video call*.

46. B'digriet tas-7 ta' Ottubru 2020 din il-Qorti odnat li l-kontro eżami tal-attur isir bil-mezz ta' video call.

47. Minn kif żvolgew l-affarijiet jidher biċ-ċar illi d-dewmien sabiex isir il-kontro eżami tal-attur bl-ebda mod ma jista' jiġi imputat lill-attur imma fl-ewwel lok peress li s-soċjeta' konvenuta talbet u ottjeniet il-kjamat in kawża ta' żewġ kumpaniji esteri li n-notifika ta' waħda minnhom ġabet diffikulta' kbira li mbagħad irriżulta li kienet *struck off* snin qabel. Fatt dan li fil-fehma tal-Qorti s-soċjeta' konvenuta kellha meżżi sabiex tivverifika dwaru u mhux tħalli xhur konsiderevoli jgħaddu mingħajr ma saru verifiki fir-rigward.

48. Fit-tieni lok kien hemm id-differimenti kaġun tal-miżuri marbuta mal-pandemija Covid-19.

49. Fit-tielet lok kien hemm id-dewmien li jsir il-kontro eżami tal-attur minħabba l-linja li ħadet is-soċjeta' konvenuta li tali kontro eżami tikkonduċih wara li l-attur jagħlaq il-provi tiegħu.

50. Fir-raba' lok kien hemm l-indisposizzjoni tal-konvenut minħabba l-kura li kien qed jieħu minħabba l-marda terminali li ħakmitu.

51. Fil-ħames lok kien hemm l-opposizzjoni tas-soċjeta' konvenuta li tagħmel il-kontro eżami tal-attur permezz ta' *video call*, nonostante li kien qed jirriżulta li l-attur ma setax jivjaġġa lejn Malta minħabba l-marda terminali li kien qed isofri minnha.

52. Tajjeb jiġi osservat u sottolineat illi t-talba li jiġi kontro eżaminat bil-mezz ta' *video call* minħabba li ma setax jivjagga b'riżultat tal-kimoterapija li kien qed jirċevi, l-attur għamilha permezz ta' rikors tas-16 ta' Settembru 2019, <u>sentejn u erba' xhur qabel ma miet</u>.

53. Tajjeb ukoll li jiġi sottolineat illi kieku l-Qorti, nonostante l-opposizzjoni tas-soċjeta' konvenuta, ma ordnatx li l-kontro eżami tal-attur isir bil-mezz ta' *video call*, kieku lanqas il-kontro eżami li laħaq sar ma kien isir qabel l-attur ġie nieqes.

54. Is-soċjeta' konvenuta tilmenta illi b'din is-sitwazzjoni id-dritt għal smiegħ xieraq ser jiġi miksur u li l-unika rimedju huwa l-isfilz ta' kull kelma li xhed u ta' kull dokument ippreżentat mill-attur illum defunt.

55. Fil-fehma tal-Qorti s-soċjeta' konvenuta ma hiex korretta fit-talba tagħha. Id-dritt għall-smigħ xieraq hu konċess fit-termini tal-liġi tal-proċedura. Għalhekk una volta s-soċjeta' konvenuta ħalliet ħafna żmien jgħaddi qabel ma resqet 'il quddiem sabiex tagħmel il-kontro-eżami tal-attur dwar l-affidavit tiegħu ma jistax jitqies illi bil-fatt li ma laħqitx ikkonkludiet il-kontro ezami ser jiġi leż id-dritt tagħha għal smiegħ xieraq u għal *equality of arms*. (Ara: **Anthony Micallef vs Avukat Ġenerali -** Prim' Awla (sede Kostituzzjonali) - 7 ta' Lulju 2004).

56. Bil-fatt li jmut xhud wara li jkun ta t-testimonjanza tiegħu iżda qabel ma jkun sarlu l-kontro eżami, ma jagħmilx ix-xhieda tiegħu

inammissibbli (**Micallef Insurance Agency Limited vs Mario Bugeja et.** - Prim' Awla (sede Kost) - 24 ta' Jannar 2014).

57. Inżamm ukoll illi "............huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabiliti fil-Konvenzjoni." - **Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et**, - Prim' Awla - 29 ta' Settembru 2016).

58. Kif intqal kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Zubac v. Croatia** (QEDB, 05/04/2018): "…procedural rights will usually go hand in hand with procedural obligations. The Court would also stress that litigants are required to show diligence in complying with the procedural steps relating to their case (see, Bąkowska v. Poland, no. 33539/02, § 54, 12 January 2010; see also, mutatis mutandis, Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain, 7 July 1989, § 35, Series A no. 157)............ …the applicant, who was legally represented in the domestic proceedings, had failed to use the necessary diligence when seeking to increase the value of the dispute in a manner not consistent with the requirements of domestic law. The procedural errors could have been avoided from the outset, and given that they are mainly and objectively imputable to her, the adverse consequences of those errors rest on the applicant."

59. Referenza ssir ukoll għas-sentenza **Avotins v. Latvia** (QEDB, 23/05/2016) fejn gie deciz illi: "Having omitted to obtain information on the subject, he contributed to a large extent, as a result of his inaction and lack of diligence, to bringing about the situation of which he complained before the Court and which he could have prevented so as to avoid incurring any damage (see, mutatis mutandis, Hussin v. Belgium (dec.), no. 70807/01, 6 May 2004, and McDonald, cited above)."

60. Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea referuta fl-aħħar zewġ paragrafii ġiet ċitata b'approvazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Anthony Mario Vella et. vs. Reġistratur tal-Qorti Ċivili u Tribunali** mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021.

61. Oltre minnhekk huwa wkoll ben stabbilit illi bħala linja ġenerali, ilment ta' ksur ta' smiegħ xieraq fl-ambitu ta' kawża ċivili jrid iqis il-proċedura fit-totalita' tagħha u mhux aspetti partikolari.

**Decide**.

Fil-fehma tal-Qorti ma tirriżulta l-ebda raġuni oġġettiva għaliex għandha tordna l-isfilz ta' affidavit u ta' xhieda mogħtija viva voce mill-attur b'mod regolari, meta r-raġuni għaliex issa ma jistax jiġi konkluż il-kontro eżami tal-attur hija imputabbli in parte għan-nuqqas tas-soċjeta' konvenuta li tagħmel il-kontro eżami tal-attur fl-ewwel opportunita' li kellha u in parte għal raġunijiet li ma kienu fil-kontroll ta' ħadd.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad ir-rikors tas-soċjeta' konvenuta tas-27 ta' Settembru 2022.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**